A.L. 101 ta' l-2000

ATT TA' L-1998 DWAR *BROKERS* FL-ASSIGURAZZJONI U INTERMEDJARJI OĦRA (ATT NRU. XVIII TA' L-1998)

Regolamenti ta' l-2000 dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni (Penalitajiet għal Reati u Infrazzjonijiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 3 u 48 ta' l-Att ta' l-1998 dwar *Brokers* fl-Assigurazzjoni u Intermedjarji Oħra, il-Ministru tal-Finanzi, wara konsultazzjoni maċ-Ċentru għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-2000 dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni (Penalitajiet għal Reati u Infrazzjonijiet).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Settembru, 2000.

Tifsir.

2. F' dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra -

"l-Att" tfisser l-Att ta' l-1998 dwar *Brokers* fl-Assigurazzjoni u Intermedjarji Oħra;

"iċ-Ċentru" tfisser iċ-Ċentru għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta imwaqqaf bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar iċ-Ċentru għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u maħtur taħt l-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni, biex ikun l-Awtorità Kompetenti għall-finijiet ta' dak l-Att u, bis-saħħa tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att, għall-finijiet ta' l-Att;

Kap. 330.

Att Nru. XVIII ta' l-1998.

"Direttiva dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni" tfisser Direttiva dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni kif tista' tiġi magħmula miċ-Ċentru bis-saħħa tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att għall-finijiet ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' l-Att jew ta' xi regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu;

"penali amministrattiva" tfisser penali li tista' tiġi mwaħħla u miġbura miċ-Ċentru minħajr il-ħtieġa ta' attendenza fil-qorti;

"penali tal-qorti" tfisser penali li tista' tiġi infurzata bi prosekuzzjoni fil-qrati ta' Malta;

"Skeda" tfisser skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

"Tribunal għal Servizzi Finanzjarji" għandha tiftiehem skond l-artikolu 45 ta' l-Att,

u l-kliem u espressjonijiet li huma wkoll użati fl-Att għandhom l-istess tifsir li għandhom fl-Att.

Klassifika ta' penalitajiet.

3. (1) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-penalitajiet ikunu maqsuma f'penalitajiet tal-qorti li jistgħu jiġu infurzati bi prosekuzzjoni fil-qrati ta' Malta u penalitajiet amministrattivi, u -

"penalitajiet tal-qorti" għandha tiftiehem skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ewwel Skeda; u

"penalitajiet amministrattivi" għandha tiftiehem skond id-dispożizzjonijiet tat-Tieni Skeda.

(2) Dwar penali ta' xi livell speċifikat fl-ewwel kolonna ta' l-Ewwel Skeda li hija penali tal-qorti, l-penali għandha tkun jew il-multa korrispondenti għaliha speċifikata fit-tieni kolonna tagħha jew il-perijodu ta' priġunerija korrispondenti għaliha speċifikat fit-tielet kolonna tagħha jew kemm dik il-multa kif ukoll dik il-priġunerija.

(3) Dwar penali amministrattiva ta' xi livell speċifikat fl-ewwel kolonna tat-Tieni Skeda l-penali għandha tkun l-ammont korrispondenti għaliha speċifikat fit-tieni kolonna tagħha u l-ammont korrispondenti għaliha għal kull jum li matulu l-infrazzjoni tkompli speċifikat fit-tielet kolonna tagħha.

Twaħħil ta' penalitajiet.

4. (1) Kull persuna misjuba ħatja ta' xi reat talli kisret xi dispożizzjoni ta' l-Att imsemmija fl-ewwel kolonna tat-Tielet Skeda, b'deskrizzjoni korrispondenti ġenerali tar-reat mogħtija fit-tieni kolonna tagħha, għandha teħel il-penali korrispondenti għaliha tal-livell speċifikat fit-tielet kolonna ta' l-imsemmija Skeda.

(2) Għal kull nuqqas minn xi persuna li tħares xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' l-Att imsemmija fl-ewwel kolonna tar-Raba' Skeda, li jikkonsisti fl-għemil jew nuqqas korrispondenti għalih b'deskrizzjoni mogħtija fit-tieni kolonna tagħha, iċ-Ċentru jista' b'avviż bil-miktub iwaħħal permezz ta' penali amministrattiva lill-peruna li tkun il-penali korrispondenti għaliha speċifikata fit-tielet kolonna ta' l-imsemmija Skeda.

(3) Kull deskrizzjoni fit-tieni kolonna tat-Tielet u r-Raba' Skedi ta' kull reat u nuqqas kif rispettivament imsemmi fil-paragrafi (1) u (2) ta' dan ir-regolament ma għandhiex titqies li torbot meta tiġi interpretata d-dispożizzjoni li għaliha r-reat jew l-ommissjoni jikkorrispondu.

Applikazzjoni ta' ċerti penalitajiet preskritti bir-Regolamenti ta' l-2000 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni (Penalitajiet għal Reati u Infrazzjonijiet).

5. Il-penalitajiet speċifikati fit-Tielet Skeda li tinsab mar-Regolamenti ta' l-2000 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni (Penalitajiet għal Reat u Infrazzjonijiet), preskritti bis-saħħa ta' l-Att ta' l-1998 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni b'riferenza għall-artikoli 29, 30 u 38 ta' l-imsemmi Att għandhom japplikaw dwar xi persuna ħatja tar-reati kontra l-imsemmija artikoli ta' l-imsemmi Att kif magħmula applikabbli għalih bis-saħħa tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 47 u ta' l-artikolu 49 ta' l-Att.

Appell lit-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji.

6. Skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 45 ta' l-Att kull persuna li lilha ċ-Ċentru jkun waħħal xi penali amministrattiva skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (2) tar-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti tista' tappella bil-miktub lit-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji kontra d-deċiżjoni taċ-Ċentru.

Ġbir ta' penalitajiet amministrattivi.

7. Meta xi avviż ta' twaħħil ta' xi penali amministrattiva jingħata lil xi persuna u -

(a) dik il-persuna tonqos li tappella f'dak iż-żmien li fih jista' jsir l-appell, u tonqos li tħallas il-penali hekk imwaħħla; jew

(b) tagħmel appell f'dak iż-żmien quddiem it-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji u l-appell jiġi irtirat jew it-Tribunal jikkonferma l-penali fl-ammont stabbilit miċ-Ċentru jew f'ammont imnaqqas minnu, u l-penali ma titħallasx fi żmien ħmistax-il jum mid-data taċ-ċessjoni ta' l-appell jew id-data li fiha t-Tribunal jikkonferma l-penali kif hawn qabel imsemmi,

għalhekk, f'kull każ, iċ-Ċentru għandu jkollu d-dritt li jieħu azzjoni ċivili biex jiġbor l-ammont dovut lilu.

L-EWWEL SKEDA

(Regolament 3)

Penalitajiet li jistgħu jiġu infurzati fil-qrati ta' Malta

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna	It-Tielet Kolonna
Livell	Multa	Priġunerija
1	mhux inqas minn Lm100 iżda mhux aktar minn Lm5,000	mhux aktar minn tliet xhur
2	mhux inqas minn Lm1,000 iżda mhux aktar minn Lm10,000	mhux inqas minn xahar iżda mhux aktar minn sitt xhur
3	mhux inqas minn Lm5,000 iżda mhux aktar minn Lm50,000	mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux aktar minn sentejn.

IT-TIENI SKEDA

(Regolament 3)

Penalitajiet amministrattivi li jistgħu jiġu mwaħħla miċ-Ċentru mingħajr il-ħtieġa ta' attendenza fil-qorti

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna	It-Tielet Kolonna
Livell	Penali	Penali ta' kuljum
1	mhux inqas minn Lm50 iżda mhux aktar minn Lm250	mhux inqas minn Lm5 iżda mhux aktar minn Lm15
2	mhux inqas minn Lm100 iżda mhux aktar minn Lm1,000	mhux inqas minn Lm10 iżda mhux aktar minn Lm30
3	mhux inqas minn Lm1,000 iżda mhux aktar minn Lm5,000	mhux inqas minn Lm20 iżda mhux aktar minn Lm50.

IT-TIELET SKEDA

(Regolament 4)

Penalitajiet tal-Qorti

L-Ewwel Kolonna Artikolu	It-Tieni Kolonna Reat	It-Tielet Kolonna Livell ta' penali
47(1)(a) b'riferenza għal 11	Taġixxi bħala *broker* fl-assigurazzjoni u tmexxi kummerċ ta' *broking* fl-assigurazzjoni f'Malta jew minn Malta mingħajr reġistrazzjoni	2
47(1)(a) b'riferenza għal 12	Tmexxi kummerċ bħala *broker* fl-assigurzzjoni mingħajr iskrizzjoni	2
47(1)(a) b'riferenza għal 15(3)	Tiftaħ xi fergħa jew uffiċċju, jew tistabbilixxi jew takkwista xi sussidjarja f'xi pajjiż barra minn Malta mingħajr il-kunsens taċ-Ċentru	2
47(1)(a) b'riferenza għal 21(1)	Tinnegozja jew tirranġa ma', jew tikseb minn, kumpannija li mhix awtorizzata xi kuntratt ta' assigurazzjoni dwar riskju sitwat f'Malta jew dwar rabta meta Malta tkun il-pajjiż tar-rabta sakemm ma jkunx approvat xort' oħra	1
47(1)(a) b'riferenza għal 39(2)	Tikxef xi informazzjoni dwar l-affarijiet ta' kumpannija iskritta jew ta' klijent ta' kumpannija iskritta barra minn f'ċirkustanzi speċifikati	1
47(1)(d)	Nuqqas li jiġi mħares xi ordni leġittimu jew xi ħtieġa leġittima taċ-Ċentru	2
47(1)(e)	Nuqqas li jiġi mħares xi ordni jew ħtieġa tat-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji	3
47(1)(f)	Nuqqas li jiġi mħares xi ordni leġittimu jew ħtieġa leġittima ta' xi persuna oħra magħmula taħt l-Att jew taħt xi regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu	2

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna	It-Tielet Kolonna
Artikolu	Reat	Livell ta' penali
47(1)(ġ)	Tibdel, iżżomm, taħbi, tiddistruġġi jew tirrifjuta li jiġi mogħti xi dokument li hu leġittimament meħtieġ li jiġi mogħti minn xi persuna taħt l-Att jew taħt xi regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu	2
47(2)	Xjentement tipparteċipa fi, jew tipprokura jew tgħin jew tħajjar il-ksur ta' xi dispożizzjoni ta' l-Att jew ta' xi regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu jew ta' xi Direttiva dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni.	Il-livell ta' penali li jgħodd għar-reat prinċipali
Kull reat ieħor li jirriżulta taħt xi dispożizzjoni ta' l-Att li mhux provdut speċifikament dwaru f'din l-Iskeda.		1

IR-RABA' SKEDA

(Regolament 4)

F'din l-Iskeda l-"Penalitajiet Amministrattivi" huma dawk magħmula taħt u għall-fini ta' l-artikolu 3(3)(d) ta' l-Att.

Penalitajiet Amministrattivi

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna	It-Tielet Kolonna
Artikolu	Infrazzjoni	Livell tal-penali
13(4)	Nuqqas minn persuna jew kumpannija li tħares xi kondizzjoni tar-reġistrazzjoni jew iskrizzjoni	2
14(2)	Nuqqas li jitqiegħed għall-wiri fil-post tan-negozju f'parti aċċessibbli għall-pubbliku, ċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni jew ta' iskrizzjoni	1
15(1)	Tiftaħ xi fergħa f'Malta bla ma ssir applikazzjoni għal hekk liċ-Ċentru	1
15(2)	Tmexxi l-kummerċ ta' *broking* fl-assigurazzjoni minn xi fergħa taħt id-direzzjoni ta' persuna barra minn persuna li tkun *broker* reġistrat fl-assigurazzjoni	1
17(4)	Nuqqas minn persuna li jkollha isimha mħassar mir-Reġistru tal-*Brokers* jew kumpannija li jkollha isimha mħassar mil-Lista tal-*Brokers* li tikkonsenja liċ-Ċentru ċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni jew iskrizzjoni jew kopja uffiċjali tiegħu	2
19(1)	Nuqqas minn kumpannija iskritta li żżomm il-flejjes kollha li jkunu f'idha f'kapaċità fiduċjarja f'kont separat skond il-ħtiġiet li jistgħu jiġu stabbiliti b'Direttiva dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni magħmula għall-fini ta' l-artikolu 19	3
20	Nuqqas minn kumpannija iskritta li tagħmel u żżomm garanzija ta' fedeltà dwar il-kummerċ tagħha ta' *broking* fl-assigurazzjoni skond il-ħtiġiet li jistgħu jiġu stabbiliti b'Direttiva dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni magħmula għall-fini ta' l-artikolu 20	3

L-Ewwel Kolonna Artikolu	It-Tieni Kolonna Infrazzjoni	It-Tielet Kolonna Livell tal-penali
22	Nuqqas minn kumpannija iskritta li tagħti avviż bil-miktub liċ-Ċentru, matul perjodu speċifikat, l-isem u l-partikolaritajiet l-oħra tad-diretturi u l-impjegati tal-kumpannija li jkunu reġistrati fir-Reġistru tal-*Brokers*; jew li tagħti avviż bil-miktub liċ-Ċentru, matul perjodu speċifikat, b'kull tibdil li jista' jkun hemm fost dawk id-diretturi u impjegati	1
23	Nuqqas minn kumpannija iskritta li tibgħat kull sena liċ-Ċentru kopja tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-kumpannija; jew li tibgħat dawk id-dikjarazzjonijiet matul perjodu speċifikat jew perjodu kif jista' jiġi awtorizzat miċ-Ċentru; jew li tibgħat kopja ta' dawk id-dikjarazzjonijiet magħmula skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 23	2
24	Nuqqas minn kumpannija iskritta li tibgħat kull sena liċ-Ċentru d-dikjarazzjoni dwar il-kummerċ ta' *broking* fl-assigurazzjoni immexxi mill-kumpannija; jew li tibgħat dik id-dikjarazzjoni li jkollha l-forma, il-kontenut u tkun b'dak il-mod kif jista' jiġi stabbilit b'Direttiva dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni magħmula għall-fini ta' l-artikolu 24	1
25	Nuqqas minn kumpannija iskritta li tagħti avviż bil-miktub liċ-Ċentru li tieqaf tmexxi l-kummerċ bħala *broker* fl-assigurazzjoni; jew li tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet magħmula miċ-Ċentru fil-permess biex tieqaf milli tmexxi l-kummerċ	1
26(2) jew (3)	Nuqqas minn kumpannija iskritta li tagħti avviż bil-miktub liċ-Ċentru li bidlet is-sena finanzjarja tagħha	1
27(1)	Nuqqas minn kumpannija iskritta li taħtar uditur approvat	2

L-Ewwel Kolonna Artikolu	It-Tieni Kolonna Infrazzjoni	It-Tielet Kolonna Livell tal-penali
27(5)	Nuqqas minn uditur li jagħti avviż bil-miktub liċ-Ċentru jekk jirriżenja, ma jkunx bi ħsiebu jieħu dik il-kariga mill-ġdid jew jagħmel kwalifika għar-rapport ta' verifika	1
27(6)	Nuqqas minn kumpannija iskritta li tagħti avviż bil-miktub liċ-Ċentru jekk tirċievi avviż ta' riżoluzzjoni biex tinħatar bħala uditur persuna li ma tkunx l-uditur li se jirtira jew li ma jerġax jinħatar l-uditur li se jirtira	1
27(7)	Nuqqas minn kumpannija iskritta li tagħti avviż bil-miktub liċ-Ċentru, jew li tagħti avviż bil-miktub liċ-Ċentru matul perjodu speċifikat, dwar ir-raġunijiet għax se ttemm il-ħatra ta' l-uditur tal-kumpannija	2
27(8)	Nuqqas minn kumpannija iskritta li tibdel l-uditur jekk iċ-Ċentru jidhirlu li jkun hekk meħtieġ	2
27(12)	Nuqqas minn uditur li javża liċ-Ċentru b'kull ħaġa kif provdut bl-artikolu 27(12)	2
29(1)	Nuqqas minn kumpannija awtorizzata li taħtar persuni biex jaġixxu f'isimha bħala sotto-aġenti fl-assigurazzjoni u biex immexxu f'isimha attivitajiet ta' sotto-aġenzija ta' l-assigurazzjoni mingħajr ma tistabbilixxi u żżomm ir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti tal-kumpannija; jew li tistabbilixxi u żżomm ir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti tal-kumpannija skond il-ħtiġiet kif jista' jiġi stabbilit b'Direttiva dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni magħmula għall-fini ta' l-artikolu 29	2
31(2)	Nuqqas minn kumpannija awtorizzata li tagħmel l-iskrizzjoni fil-Lista ta' Sotto-aġenti ta' persuna reġistrata mill-kumpannija bħala sotto-aġent fl-assigurazzjoni fir-Reġistru ta' Kumpannija għal sotto-aġenti tal-kumpannija	1

L-Ewwel Kolonna Artikolu	It-Tieni Kolonna Infrazzjoni	It-Tielet Kolonna Livell tal-penali
31(3)	Nuqqas minn kumpannija awtorizzata li tagħti lil persuna li f'isimha jinħareġ iċ-ċertifikat ta' iskrizzjoni, dak iċ-ċertifikat jew kopja tiegħu	1
31(4)	Nuqqas minn persuna iskritta fil-Lista ta' Sotto-aġenti li tqiegħed għall-wiri fil-post ta' negożju, f'parti aċċessibbli għall-pubbliku, iċ-ċertifikat ta' iskrizzjoni jew kopja tiegħu	1
32	Taġixxi ta' sotto-aġent fl-assigurazzjoni u tmexxi attivitajiet ta' sotto-aġenzija ta' l-assigurazzjoni mingħajr reġistrazzjoni f'xi Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti ta' kumpannija u iskrizzjoni fil-Lista ta' Sotto-aġenti	1
33(2)	Nuqqas minn kumpannija iskritta fil-Lista ta' Sotto-aġenti li tmexxi xi attivitajiet ta' sotto-aġenzija minn iktar minn post wieħed ta' negozju li tmexxi dawk l-attivitajiet minn kull post ta' negozju minn persuna li tkun persuna xierqa u idoneja li tmexxi dawk l-attivitajiet	1
33(4)	Tikseb ħatra u reġistrazzjoni fir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti ta' kumpannija awtorizzata f'għadd ta' reġistri li jeċċedi dak provdut bl-artikolu 33(4)	1
33(5)	Tikseb ħatra u reġistrazzjoni fir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti ta' iktar minn kumpannija waħda awtorizzata li tmexxi kummerċ fit-tul dwar xi klassi waħda ta' kummerċ fit-tul	1
33(6)	Tikseb ħatra u reġistrazzjoni fir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti ta' iktar minn kumpannija waħda awtorizzata li tmexxi kummerċ ġenerali dwar xi klassi waħda, jew xi grupp wieħed ta' klassijiet, ta' kummerċ ġenerali	1

L-Ewwel Kolonna Artikolu	It-Tieni Kolonna Infrazzjoni	It-Tielet Kolonna Livell tal-penali
33(9)	Nuqqas minn persuna jew kumpannija li thares xi kondizzjoni ta' iskrizzjoni	1
35(1)	Nuqqas minn kumpannija awtorizzata li thassar l-isem ta' persuna mir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti tal-kumpannija li tavża bil-miktub liċ-Ċentru dwar dak it-thassir jew bid-data meta dak it-thassir jibda jseħħ.	1
35(2)	Nuqqas minn kumpannija awtorizzata li thassar l-isem ta' persuna mir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti tal-kumpannija minħabba li l-persuna ma tkunx xierqa u idoneja jew għax il-persuna tkun aġixxiet b'mod frodulenti, jew b'diżonestà, jew b'dak il-mod li tintilef fiha l-fiduċja	2
35(2)	Nuqqas minn kumpannija awtorizzata li tavża bil-miktub liċ-Ċentru dwar ir-raġunijiet għat-thassir ta' dak l-isem meta l-kumpannija thassar l-isem ta' xi persuna mir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti tal-kumpannija minħabba raġunijiet speċifikati	1
35(4)(a)	Nuqqas minn kumpannija awtorizzata li thassar l-isem ta' xi persuna mir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti tal-kumpannija jekk iċ-Ċentru jidhirlu li jkun hekk meħtieġ	2
35(7)	Nuqqas minn kumpannija awtorizzata li thares xi direttiva taċ-Ċentru biex jingħaġġel il-proċess ta' thassir ta' l-isem ta' xi persuna mir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti tal-kumpannija jekk il-persuna involuta jidhirlha li jkun hekk meħtieġ	2
35(8)	Nuqqas minn kumpannija awtorizzata li tagħti lura liċ-Ċentru ċ-ċertifikat ta' iskrizzjoni, jew kull kopja uffiċjali tiegħu, maħruġ f'isem xi persuna li isimha jkun thassar mir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti tal-kumpannija	1

L-Ewwel Kolonna Artikolu	It-Tieni Kolonna Infrazzjoni	It-Tielet Kolonna Livell tal-penali
36(b)	Nuqqas minn kumpannija awtorizzata li thassar l-isem ta' xi persuna mir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti tal-kumpannija jekk iċ-Ċentru jidhirlu li jkun hekk meħtieġ	2
40(3)	Nuqqas minn kumpannija li tiftaħ ir-Reġistru ta' Kumpannija għal Sotto-aġenti tal-kumpannija għall-ispezzjon pubbliku; jew li tiftaħ ir-Reġistru għal spezzjon bla ebda ħlas	1
41(1)	Nuqqas minn persuna li tuża l-kelma "assigurazzjoni" bħala parti mid-deskrizzjoni jew titlu tagħha jew li tagħmel xi użu bħal dak fuq xi ittra, karta, f'xi avviż jew reklam, jew b'xi mod ieħor ikun li jkun mingħajr il-permess bil-miktub taċ-Ċentru	1
41(2)	Nuqqas minn kumpannija iskritta li żżid ma' isem il-kumpannija xi partikolaritajiet spjegattivi kif ordnata tagħmel miċ-Ċentru	1
43(3)	Nuqqas minn kumpannija iskritta li tirreġistra maċ-Ċentru xi *underwriting agreement* magħmul jew ikkuntrattat mill-kumpannija	1
43(4)	Aċċettazzjoni ta' kummerċ ta' l-assigurazzjoni taħt xi *underwriting agreement* minn xi kumpannija iskritta, kemm-il darba l-*underwriting agreement* ma jkunx ġie debitament reġistrat maċ-Ċentru mill-kumpannija iskritta	1
44(1)	Nuqqas minn kumpannija iskritta li tagħti avviż bil-miktub liċ-Ċentru dwar kull tibdil materjali fid-dokumentazzjoni provduta, jew li tkun meħtieġa li tiġi provduta, bi jew taħt xi dispożizzjoni ta' l-Att	1

L-Ewwel Kolonna Artikolu	It-Tieni Kolonna Infrazzjoni	It-Tielet Kolonna Livell tal-penali
44(2)	Nuqqas minn kumpannija iskritta li tissottometti bil-miktub liċ-Ċentru għall-approvazzjoni taċ-Ċentru l-partikolaritajiet ta' kull żieda jew bidla proposta fil-memorandum jew fl-istatut ta' l-assoċjazzjoni tal-kumpannija jew f'xi istrument ieħor li jikkostitwixxi l-kumpannija	1
47(1)(ċ)	Nuqqas minn persuna li tissodisfa xi ħtieġa ta', jew obbligazzjoni stabbilita b'xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' xi Direttiva dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni magħmula għall-fini ta' xi artikolu ta' l-Att barra minn artikolu msemmi f'din l-Iskeda u fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.	1
Kull ksur ieħor kontra xi dispożizzjoni oħra ta' l-Att jew ta' xi regoli jew regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu jew ta' xi Direttiva dwar Intermedjarji fl-Assigurazzjoni li mhux provdut speċifikament dwaru f'din l-Iskeda.		1